# Il-Knisja tat-Twelid tal-Madonna magħrufa "Ta' Qasgħa"

**Tagħrif storiku miġbur minn Luke Micallef**

### 1. L-ewwel bini

Il-Knisja ddedikata lit-Twelid Imqaddes tal-Verġni Marija ġiet mibnija l-ewwel darba madwar is-sena 1550 minn Ċensu Qasgħa. B'hekk hija magħrufa sewwa magħna r-Rabtin bħala "Il-Knisja ta' Qasgħa". Tinsab fi Triq Santa Rita fir-Rabat.

### 2. It-tieni Knisja: dik tal-lum

Qabel is-sena 1636 kienet diġà nbniet il-Knisja li naraw illum.

Mibnija b'saqaf troll u hija mżejjna b'arkitettura mill-isbaħ.

L-artal preżenti huwa xogħol sabiħ fil-ġebla Maltija għalkemm mhuwiex dak oriġinali. Dan l-artal tħallas minn Dr. Ignazio Bonnici.

Fil-mensola ta' dan l-artal tqiegħdu fi żmien aktar riċenti tliet statwi żgħar moderni bil-kulur, ta' San Pietru, San Pawl u l-Madonna ta' Lourdes.



### 3. Il-Kwadru Titulari u oħrajn

It-titular sempliċi però sabiħ juri lil Sant'Anna fuq sodda, qiegħda żżomm lit-tarbija Verġni Marija f'idejha. Wieqaf maġenbha hemm San Ġwakkin u numru ta' anġli mdawrin magħhom. Tajjeb li ngħidu li dan il-kwadru kien ittieħed f'wirja bl-isem ta' "*Marian Art in the 17th and 18th Centuries*" li saret fil-Kungress Internazzjonali Marjan tas-sena 1983 fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, u hemm kitba fuqu fil-katalgu tal-wirja.

Is-Sopra Kwadru juri lill-Verġni Marija ħdejn Ġesù tarbija u San Ġwann il-Battista. Dawn iż-żewġ kwadri huma tas-Seklu 17.

Fil-ġnub tal-Knisja hemm żewġ kwadri oħra antiki li juru lill-Appostli San Mattija u San Tumas. Dawn kienu parti minn sett akbar. Xi wħud fi stat ħażin ħafna issa ġew konservati fid-depożitu tal-Mużew Wignacourt.

### 4. Oġġetti li kienu jinsabu f'din il-Knisja

Interessanti li f'inventarju tas-sena 1708 jissemmew:

12-il gandlier, 12-il fjurett, 2 iqniepen, kwadru kbir tal-Vitorja fuq il-bieb, lampier tal-bronż aħdar maħdum mill-arġentier Morello li ġie mħallas 10 skudi, kuruna tal-fidda u bażi għal xi kwadru, maħdumin fis-sena 1772 mill-arġentier Annetto Pullicino.

Is-saċerdot Don Giovanni Battista Tonna pinġa kwadru ġdid għall-artal u tħallas 15-il skud.

Sfortunatament dawn l-oġġetti llum ma nafux x'sar minnhom.

### 5. Il-Knisja fit-Tieni Gwerra Dinjija

Fiż-żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija, ir-Rabat kien miżgħud bir-refuġjati Maltin u minħabba li ma tantx kien hawn spazju. Diversi knejjes kienu jservu ta' kenn għal dawn il-familji. Il-Knisja ta' Qasgħa serviet għal żewġ familji.

Snin wara l-gwerra persuna li toqgħod viċin il-Knisja, Grazzja Tanti ħabirket kemm felħet biex il-knisja terġa' tinfetaħ u tintuża.

Patri Kostantinu Borg isemmi li hu kien imur u jara l-Knisja titnaddaf biex setgħet terġa' tinfetaħ mill-ġdid u tieħu l-forma ta' Knisja u tkompli taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tal-poplu Rabti.

**6. Ir-Retturi**

Minn riċerka fl-arkivju tal-Katidral sibna l-ismijiet ta' dawn ir-retturi:

| | |
|---|---|
| 1699-1708 | Kan. Dun Ġwann Attard |
| 1714-1722 | Don. Gio. Domenic Gimbert |
| 1722-1758 | Don. Gio. Marija Bonello |
| 1771-1786 | Kan. Kantur. Dun Carlo Mallia |
| 1786-1794 | Don. Salvatore Muscati |
| 1794-1797 | Rev. Don.Michele Zahra |
| 1797-1803 | Don. Beningno Chetcuti |
| 1803-1805 | Don. Paolo Cachia |

Ma' dawn inżidu l-aħħar żewġ retturi riċenti:

| | |
|---|---|
| 1973- 2009 | Kan. Dun Mikiel Attard |
| Mill-2009 | Kan. Arcipriet Louis Suban |

**7. Id-devozzjoni lejn il-Madonna**

Ta' kull sena kienet issir il-festa ta' Marija Bambina fejn qabel kien isir it-tridu tal-festa u kien ukoll jieħu sehem il-Kor Parrokkjali.

Fis-sena 1962 ġiet mogħtija lill-Knisja kopja ċkejkna tal-Inkwatru tal-Madonna tas-Sokkors Perpetwu, meqjum fis-sede tal-Każin San Pawl, minn Piju Xerri. Ma damitx ma xterdet id-devozzjoni ċkejkna lejn dan l-inkwatru u l-Kan. Mikiel Attard ħa ħsieb li ssir il-festa u t-tridu wkoll.

**8. Il-kampnar tal-Knisja**

Il-Knisja għandha kampnar li nbena flimkien massalib tal-faċċata u tlestew fl-20 ta' Novembru 1919. Il-qanpiena nħadmet mill-Fonderija *San Carlo* fis-sena 1931.



**9. Iċ-Ċimiterju**

Quddiem il-Knisja nsibu ċimiterju li fih 24 qabar. Ir-Rev. Mons. Ġwann Azzopardi qalilna li kien hemm fih skrizzjoni li tgħid li hemm midfuna Patrijiet Karmelitani li kienu morda bil-pesta.

**10. Fonti medjevali**

Sa ftit snin ilu kien hemm fonti sabiħ medjevali li kien tal-Parroċċa l-qadima ta' San Pawl u għalhekk għandu valur immens. Ġarrab ħsara konsiderevoli bl-ilma li kien jgħaddi għal fuqu mill-miżieb tal-ħajt ta' barra. Dan il-fonti llum jinsab f'post prominenti fil-Mużew Wignacourt.

**11. Il-Kanonku Dun Mikiel Attard**

Il-Kan. Dun Mikiel Attard inħatar bħala Rettur ta' din il-Knisja fl-1973. Ta' kuljum kien iqaddes quddiesa u jorganizza ħafna affarijiet b'tant ħeġġa u entużjażmu. Fil-Knisja għamel ħafna xogħol siewi fosthom it-tqaxxir tal-Knisja fuq il-ġebla fi Frar tas-sena 1990 u l-kisi tal-bejt tal-Knisja bil-membrejn. Il-Kan. Dun Mikiel irtira minn Rettur fis-sena 2009. Huwa qaddes l-aħħar quddiesa f'din il-Knisja fl-24 ta' Lulju. Miet fl-età ta' 87 sena fit-22 ta' Mejju 2010.



*Il-Kan. Dun Mikiel Attard, Rettur tal-Knisja flimkien ma' xi voluntiera tal-Knisja ta' Qasgħa. Jidher ukoll is-Sagristan Ġużeppi Rusvelt.*

**12. Is-Sagristan Voluntier Ġużeppi Rusvelt**

Ma nistgħux ninsew ukoll lis-Sur Ġużeppi Rusvelt li għal żmien twil kien jieħu ħsieb din il-Knisja b'tant dedikazzjoni. Żgur li qatt ma jintesew il-weraq u l-kuruni tar-rand li kien jagħmel b'idu stess biex ipoġġihom fuq l-oqbra ta' quddiem il-Knisja u kemm-il xemgħa kien jixgħel fix-xahar ta' Novembru! U żgur ma nistgħux ninsewx id-daqq tiegħu tal-qniepen.

**13. Servizzi li għadhom isiru fil-Knisja**

Il-Knisja ta' Qasgħa llum tintuża għal-laqgħat ta' talb, ružarju u talb ieħor li jsir minn diversi għaqdiet tal-Parroċċa. Issir Quddies f'okkażjonijiet speċjali u fil-Festa.

Ħajr lil *Mons. Ġwann Azzopardi, Patri Kostantinu Borg, is-Sur Ġeraldu Attard SDC, u oħtu Grace Attard.*